012815/EU XXVIII. GP
Eingelangt am 27/02/25

Council of the European Union

Brussels, 27 February 2025

15555/24

Interinstitutional File:
2018/0193 (COD)

PECHE 470
CODEC 2081
IA 194
JUR 745

**LEGISLATIVE ACTS AND OTHER INSTRUMENTS: CORRIGENDUM/RECTIFICATIF**

| | |
|---|---|
| Subject: | Regulation (EU) 2023/2842 of the European Parliament and of the Council of 22 November 2023 amending Council Regulation (EC) No 1224/2009, and amending Council Regulations (EC) No 1967/2006 and (EC) No 1005/2008 and Regulations (EU) 2016/1139, (EU) 2017/2403 and (EU) 2019/473 of the European Parliament and of the Council as regards fisheries control<br>*(Official Journal of the European Union L 2842 of 20 December 2023)* |

LANGUAGE concerned: **MT**

PROCEDURE APPLICABLE (according to Council document R/2521/75):

— Procedure 2(b) (obvious error in one language version)

This text has also been transmitted to the European Parliament.

TIME LIMIT for the observations by Member States: 8 days

**OBSERVATIONS to be notified to: dql.rectificatifs@consilium.europa.eu**

**(DQL RECTIFICATIFS (JUR 7), Directorate Quality of Legislation, Legal Service)**

ANNESS

**RETTIFIKA**

**tar-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u (KE) Nru 1005/2008 u Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2017/2403 u (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 2842 tad-20 ta' Diċembru 2023)*

1. Fil-paġna 5, il-Premessa 34, l-ewwel tliet sentenzi

*minflok:*

"(34) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-marġni ta' tolleranza fl-istimi fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd tal-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord jiġu emendati biex jiġu indirizzati l-isfidi biex tingħata stima preċiża tal-qabdiet skont l-ispeċi għal kwantitajiet iżgħar ta' qabdiet, u għal ħatt l-art mhux imqassam minn sajd ta' ħut pelaġiku żgħir, sajd industrijali u sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża. L-istess emendi jenħtieġ li jsiru għad-dispożizzjonijiet dwar il-marġni ta' tolleranza fid-dikjarazzjoni tat-trażbord. Fir-rigward tad-derogi mogħtija għal ħatt l-art mhux imqassam minn sajd ta' ħut pelaġiku żgħir, sajd industrijali u sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tipprovdi aktar dettalji dwar kundizzjonijiet uniformi relatati ma' ħatt l-art u l-użin ta' prodotti tas-sajd fil-portijiet elenkati, bħall-involviment ta' partijiet terzi indipendenti u akkreditati li jistgħu jiggarantixxu l-preċiżjoni tar-rappurtar tal-qabdiet ma' ħatt l-art jew rekwiżiti għall-operazzjonijiet ta' kampjunar u ta' użin.",


www.parlament.gv.at

*aqra:*

"(34) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-marġni ta' tolleranza fl-istimi fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd tal-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord jiġu emendati biex jiġu indirizzati l-isfidi biex tingħata stima preċiża tal-qabdiet skont l-ispeċi għal kwantitajiet iżgħar ta' qabdiet, u għal żbarki ta' qabdiet mhux magħżula minn sajd ta' ħut pelaġiku żgħir, sajd industrijali u sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża. L-istess emendi jenħtieġ li jsiru għad-dispożizzjonijiet dwar il-marġni ta' tolleranza fid-dikjarazzjoni tat-trażbord. Fir-rigward tad-derogi mogħtija għal żbarki ta' qabdiet mhux magħżula minn sajd ta' ħut pelaġiku żgħir, sajd industrijali u sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tipprovdi aktar dettalji dwar kundizzjonijiet uniformi relatati mal-iżbark u l-użin ta' prodotti tas-sajd fil-portijiet elenkati, bħall-involviment ta' partijiet terzi indipendenti u akkreditati li jistgħu jiggarantixxu l-preċiżjoni tar-rappurtar tal-qabdiet ma' żbarki jew rekwiżiti għall-operazzjonijiet ta' kampjunar u ta' użin.".

2. Fil-paġna 27, l-Artikolu 1, il-punt 11, il-punt 4

*minflok:*

"4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' sajd imsemmija fl-Artikolu 15(1), il-punt (a), l-ewwel u t-tielet inċiż, tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal speċijiet li jinħattu l-art mingħajr ma jkunu tqassmu, u fil-każ ta' qabdiet fis-sajd tat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża għal speċijiet li jinħattu l-art mingħajr ma jkunu tqassmu, għandhom japplikaw il-marġnijiet ta' tolleranza li ġejjin:",

*aqra:*

"4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' sajd imsemmija fl-Artikolu 15(1), il-punt (a), l-ewwel u t-tielet inċiż, tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal speċijiet li jiġu żbarkati mingħajr ma jkunu magħżula, u fil-każ ta' qabdiet fis-sajd tat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża għal speċijiet li jiġu żbarkati mingħajr ma jkunu magħżula, għandhom japplikaw il-marġnijiet ta' tolleranza li ġejjin:".


www.parlament.gv.at

3. Fil-paġna 98, l-Anness IV, taħt il-kolonna 'Kriterji', il-punt (b)

*minflok:*

"(b) minkejja l-kriterju taħt il-punt (a), sal-10 ta' Jannar 2028, għall-ispeċijiet maqbuda fis-sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża li jinħattu l-art mhux imqassma u li jirrappreżentaw 2 % jew aktar tal-piż tal-ispeċijiet kollha li jinħattu l-art u li għalihom ma japplikax l-Artikolu 14(4), il-punt (a): meta d-differenza bejn l-istimi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd u l-kwantitajiet li jinħattu l-art jew li jirriżultaw minn spezzjoni tkun ta' 25 % jew aktar għal kull speċi;",

*aqra:*

"(b) minkejja l-kriterju taħt il-punt (a), sal-10 ta' Jannar 2028, għall-ispeċijiet maqbuda fis-sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża li jiġu żbarkati mhux magħżula u li jirrappreżentaw 2 % jew aktar tal-piż tal-ispeċijiet kollha li jiġu żbarkati u li għalihom ma japplikax l-Artikolu 14(4), il-punt (a): meta d-differenza bejn l-istimi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd u l-kwantitajiet li jiġu żbarkati jew li jirriżultaw minn spezzjoni tkun ta' 25 % jew aktar għal kull speċi;".

4. It-terminu "ħatt l-art" għandu jiġi sostitwit bi "żbark" fir-Regolament kollu fil-forma grammatikali xierqa.